MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru 99/2003

**Il-Pulizija**
(Assitent Kummissarju Neil Harrison)

**vs.**

**Jeffrey Savage**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jeffrey Savage,** ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Eric u Margaret neé Spiteri, imwieled Mtarfa (limiti tar-Rabat) fit-8 ta' Lulju 1973, residenti Blokk 5, House 1, St. Patrick's Road, Pembroke u detentur ta' karta tal-identita bin-numru 289873M, akkuzat talli:

f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Jannar 2003, u matul fl-ahhar gimghat qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

(a) assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (*ecstasy*) f’dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li jippromovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;

(b) ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*), lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti jew ma kienx xort’ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina bi ksur tar-regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif sussegwentement ammendati;

(c) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif ammendat, <u>liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu eskluzziv tieghu</u>

(d) biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*) kontenenti s-sustanza (methlenedioxy amphetamine) li hija kkkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-3 skeda, parti (9) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li

ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-diversi dokumenti esebiti.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll lill-imputat li xehed minn jeddu u b’mod volontarju u x-xhieda mressqa mid-difiza.

Rat l-Ordni ta’ l-Avukat Generali datat 30 ta’ Jannar 2003 sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha (Kapitolu 31).[1]

Rat il-Kontro-Ordini ta’ l-Avukat Generali datat 12 ta’ Frar 2006.[2]

Rat il-verbal datat 3 ta’ Mejju 2005[3] fejn gie moqri l-Kontro-Ordini ta’ l-Avukat Generali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata l-1 ta’ Gunju 2011[4], liema Qorti ddecidiet is-segwenti: *“tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata u tordna lir-Registatur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi”.*

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2011, il-Qorti diversament preseduta astjeniet *stante* li *“diga pronunzjat ruhha”*[5] u baghtet l-atti lir-Registratur tal-Qorti Kriminali sabiex il-kawza tigi assenjata skond il-ligi.

[1] *A fol.* 8.
[2] *A fol.* 306.
[3] *A fol.* 307.
[4] *A fol.* 545 *et seq.*
[5] *A fol.* 553.

Rat illi fis-17 ta' Gunju 2011 il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[6].

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2011, id-difiza ezentat lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda li kienu diga nstemghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat is-*social enquiry report*[7] u kif ukoll in-noti prezentati mill-partijiet, liema noti gew ipprezentati wara li saret it-trattazzjoni finali.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fit-28 ta' Jannar 2003, il-Pulizija giet infurmata li kien ser isir xi *deal* ta' droga liema *deal* li kellu jsir fil-lukanda Radisson, f'San Giljan u in segwitu ta' din l-informazzjoni, il-Pulizija marret fil-lukanda imsemmija u ntercettat lill-imputat li kellu fil-pussess tieghu *envelope* li fih kien hemm 595 pilloli *ecstasy*. Minn tfittixija li saret fir-residenza tal-imputat gew elevati kwantitajiet ta' *envelopes* li kienu simili ghal dak li kien jikkontjeni l-pilloli suspettati *ecstasy*[8]. Jirrizulta li l-imputat accetta li jippartecipa f'*controlled delivery*, li gie sanzjonat mill-Magistrat Inkwirenti. Fid-29 ta' Jannar 2003 sehhet il-*controlled delivery* kif pjanat u gew arrestati zewg persuni li fuq il-persuna taghhom kellhom *sample* li gew mitluba jiehdu minghand l-imputat.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet lis-segwenti xhieda:

- **Assistent Kummissarju Neil Harrison**[9] xehed li fit-28 ta' Jannar 2003 gie infurmat li kellu jsir *drug deal* fl-inhawi tal-lukanda Radisson go San Giljan. Jghid li kellu diversi Pulizija li kienu fl-inhawi biex jintervjenu x'hin ikun il-mument. Jixhed li ghall-habta tas-2.30pm, l-imputat gie osservat jasal fl-inhawi tal-lukanda imsemmija, rah

[6] *A fol.* 554.
[7] *A fol.* 701 *et seq.*
[8] *A fol* 16.
[9] *A fol* 13 *et seq.* u *a fol.* 30 *et seq.* Tul ix-xhieda tieghu ezebixxa Dok. "NH", "NH 1" sa "NH 5".

jipparkja fil-*parking area* ta' barra, rah hiereg mill-vettura wara ftit sekondi u kif hareg mill-vettura, rah jippassigga barra u anke deher icempel mill-*mobile*. Jghid li ftit sekondi jew minuti wara rah diehel fil-*parking area* ta' taht l-art u Pulizija li kienu mistohbija f'dik il-*parking area* nfurmawh li kienu rawh diehel minn bieb li jaghti ghar-*reception area* tal-lukanda. Jixhed li ta ordni biex jintervjenu, izommu lill-imputat u jaghmlu tfittxija fuqu. Jghid minn tfittxija li saret minn fuq l-imputat, sabu *envelope* li kien jidher li fih xi pilloli tal-*ectsasy*, li aktar tard irrizulta li kienu 595. Jispjega kif infethet inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa u li minn tfittxija li saret fuq l-imputat nstabu *mobile phone* Samsung u *sim card* tal-Vodafone. Jghid li hekk kif gie arrestat, l-imputat ittiehed fir-residenza tieghu f'Pembroke, minn fejn gew elevati kwantitajiet ta' *envelopes*, u qal li dawn kienu jidhru li huma simili ghal dak l-*envelope* li kien jikkontjeni l-pilloli *ecstasy*. Jixhed li l-ghada ttiehdet stqarrija mill-imputat u fix-xiehda tieghu jaghmel riferenza ghal dak li qallu l-imputat. Rigward l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha aktar tard.

- **Marica Caruana**[10] ezebiet *process verbal*.[11]
- **PC 10 Trevor Cassar Mallia**[12] xehed dwar kif l-imputat gie arrestat u li fil-pussess tieghu instabghet borza tal-*plastic* kontenenti pilloli bojod. Xehed ukoll li saret tfittxija kemm fil-karozza ta' l-imputat u kif ukoll fid-dar residenzjali tieghu.
- **PC 579 Antoine Micallef**[13] ikkonferma x-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia. Jghid li qal lill-imputat li xtaq ikellmu wahdu, harguh barra mil-lukanda u l-imputat qallu *"mhux tieghi"*[14] u ghaddielhom *envelope*.
- **PS 536**[15] gharaf l-ezebiti Dok. "NH 1" sa "NH 3". Ikkonferma li saret tfittxija fid-dar tal-imputat u fil-vettura tieghu u li gew elevati xi dokumenti.
- **PS 516 Alfred Borg**[16] ezebixxa tlettax-il ritratt.[17]

---

[10] *A fol.* 25.
[11] Il-*proces verbal* gie mmarkata bhala Dok. "MC".
[12] *A fol.* 27 *et seq.*
[13] *A fol.* 32 *et seq.*
[14] *A fol.* 33.
[15] *A fol.* 36 *et seq.*
[16] *A fol.* 46 *et seq.*

- **Spizjar Mario Mifsud**[18] ezebixxa r-rapport tieghu[19] u kkonferma li huwa wettaq analizi fuq 595 pillola li rrizultaw illi kollha kienu jikkontenjenu s-sustanza MDMA, cioé *ecstasy*. L-istess spizjar, wara li saret *comparison* bejn 12 il-pillola mghoddija mill-Magistrat Lofaro, ikkonkluda li dawn ukoll kienu jikkontjenu MDMA, cioé *ecstasy.*[20] Ta stima tal-valur ta' 595 pillola *ecstasy* fuq is-suq ta' Lm 5,013.[21]
- **PS 213 Nikolai Borg**[22] xehed li kien wettaq tfittxija fuq l-imputat meta dan kien fir-Radisson Hotel u li l-imputat kellu f'idejh *mobile* u *envelope* barra fil-glekk, li kien mimli pilloli.[23]
- **PS 1579 Yohan Mifsud**[24] xehed li saret tfittxija fuq il-vettura tal-imputat u fir-residenza tieghu minn liema residenza gew elevati karti relatati mad-droga u kif ukoll *envelope* li jixbah hafna l-*envelope* li kellu fuqu l-imputat.
- **Anthony Portelli**[25] stqarr li huwa kien gie Malta ghall-btala ma' habib tieghu Glenn Gorman. Jghid li gie arrestat mill-Pulizija u li fuqu ma nstab xejn pero fil-kamra tieghu tal-lukanda instabu 14-il pillola *ecstasy* u 35 gramma *cannabis*. Portelli jghid li xtraw dawn id-drogi minn ghand l-imputat ghas-somma ta' Lm 165. Portelli jghid li ma kienx xtara drogi minn ghand l-imputat qabel. Ikkonferma li l-14 il-pillola u 35 gramma *cannabis* kienu ghal uzu personali tieghu u ta' Gorman.
- **Glenn Gorman**[26] xehed li hu kien gie arrestat flimkien ma' Anthony Portelli mill-Magic Kiosk. Xehed li fil-pussess tieghu kellu ftit *cannabis* u li l-Pulizija sabu nofs *joint* fil-vettura u fil-kamra tieghu tal-lukanda ma sabu xejn. Jixhed li fil-kamra ta' Portelli sabu 14-il pillola *ecstasy* u 35 gramm*a cannabis* li kienu gew mixtrija minn ghand l-imputat. Jghid li kien ilu jaf lill-imputat madwar 15-il sena u kien talab lill-imputat jakkwistalu d-droga

---

[17] Ir-ritratti gew immarkati bhala Dok. "AB 1" sa "AB 13".
[18] *A fol.* 48 *et seq.*
[19] Liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MM 1" - *a fol.* 51 *et seq.*
[20] *A fol.* 57.
[21] *A fol.* 294. Ir-rapport gie mmarkat bhala Dok. "MM" – *a fol.* 296 *et seq.*
[22] *A fol.* 83 *et seq.*
[23] Ix-xhud ikkonferma ritratti Dok. "AB 1" sa "AB 13".
[24] *A fol.* 86 *et seq.*
[25] *A fol.* 89 *et seq.*
[26] *A fol.* 105 *et seq.*

ghaliex kien xtara d-droga minn ghandu xi 2 jew 3 okkazzjonijiet ohra. Jghid li qatt ma mporta droga f'Malta. Innega li kien hedded lil Savage fil-habs pero jghid li staqsa lil Savage ghaliex kien qed jigdeb fuqu billi jghid li kien qed jitraffika d-droga. Jghid li kienu ilu juza d-drogi xi ghaxar snin.

- **Dr. Vincent Galea**[27] ezebixxa ricerki fuq il-beni tal-imputat Savage.[28]
- **Dr. Claire Cassar**[29] xehdet in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone u ezebiet ricerka fuq in-numri 99 46 27 94, 99 24 31 43 u 99 48 86 60 mill-14 sad-29 ta' Jannar 2003.[30]
- **PC 579 Antoine Micallef**[31] gharaf l-oggetti elevati minn fuq l-imputat Savage.
- **PS 673 Joseph Mallia**[32] xehed li ma hadimx fuq il-kaz.

Illi l-imputat xehed minn jeddu f'dawn il-proceduri[33] fejn stqarr li hu kien jaf lil Glenn Gorman meta kien guvni ta' 17-il sena. Jghid li kien spicca kera lil Gorman il-*flat* tieghu ghal Lm 150 fix-xahar u li wara ftit gimghat l-imputat beda jcempel lil Gorman li ma rrispondiex u, permezz ta' *spare key*, dahal fil-*flat* li kera lil Gorman u sab kaxxa mimlija pakketti zghar mgezwra bit-*tape* u basket b'boroz tal-*plastic* bil-pilloli go fihom. L-imputat jghid li wara li qal lil Gorman biex inehhu d-droga mill-*flat*, hu gie mhedded minn Gorman li qallu li ma kienx wahdu izda kien jifforma parti minn cirku internazzjonali u li wara ftit kien cempel certu "Alex" li heddu b'hajtu, bl-impieg tieghu u bil-hajja tat-tifla tieghu kemm-il darba l-imputat jiddenunzjah lill-Awtoritajiet. Jghid li baqa' jiffittahom biex inehhu l-pilloli mill-*flat* tieghu u xi zmien f'Jannar, Gorman kien nehha l-kaxxa pilloli mill-*flat* ta' l-imputat. L-imputat kompla jghid li gie avvicinat minn persuna bil-laqam "Xiby" li ried in-numru ta' Gorman u l-imputat tahulu u li Gorman kien cempel lill-imputat u beda jghajjat mieghu ghaliex

---

[27] *A fol.* 148-149.
[28] Ir-ricerki gew immarkati bhala Dok. "VG".
[29] *A fol.* 154 *et seq.*
[30] Ir-ricerki gew immarkati bhala Dok. "CC" u "CC 1".
[31] *A fol.* 285-286.
[32] *A fol.* 287.
[33] *A fol.* 308 *et seq.*

kien ta n-numru lil terzi persuni. L-imputat jghid li kien baqa' bla cwievet tal-*flat* tieghu. L-imputat jghid ukoll li beza jaghmel rapport lill-Pulizija u li wara xi zmien Gorman kien cempillu u qallu li, sabiex jaghtih ic-cavetta lura, l-imputat kellu jaccedi ghall-"Australian Hall", Pembroke sabiex jigbor basket tal-*plastic* u jiehdu r-Radisson Hotel. Mistoqsi: *"Kont taf x'kienet ha tkun?"*[34], l-imputat wiegeb: *"Ma kontx naf x'fihom jien ifhem dan il-basket tal-plastic, jien just ippikjajt il-borza sewwa"*.[35] Aktar tard, il-Qorti staqsiet lill-imputat: *"Jigifieri inti kont taf li se tmur tigbor id-droga u ghamiltha biex tiehu lura c-cavetta?"*[36] Ghal dan l-imputat wiegeb: *"ehe, u biex ihalluni fil-paci, ihalluni fil-paci essagg jiena I mean"*.[37] L-imputat jghid li kien jinteressah li jiehu c-cavetta lura tal-*flat* tieghu u li ried jerga' jikseb serhan tal-mohh, pero din is-sitwazzjoni kienet holqot hafna ansjeta' fih li kien diga jbaghti minn *depression* tant li jghid li fil-passat kien spicca Mount Carmel fejn pprova jikkometti suwicidju. Jghid li ghamel dak li qallu Gorman ghax ried jinqata' minn mieghu u jiehu lura c-cavetta tieghu lura. Jghid li ma kellux is-sahha morali illi jieqaf ghat-theddid. Jghid li ma kienx jaf ma min kien ser jitlaqa' u spjega kif dahal fir-*reception* tal-lukanda Radisson u gie intercettat mill-Pulizija li hadulu l-*mobile* minn idejh u l-*envelope* li kien taht il-glekk. L-imputat ikompli jghid li huwa kien segwa l-istruzzjonijiet li kien tah l-Assistent Kummisarju Neil Harrison u kien informa lil Gorman li kellu xi hadd interessat biex jixtri d-droga u ghaldaqstant talbu jgiblu kampjun minn dawk li kellu. Jghid ukoll li kien gie mhedded minn Gorman u Portelli waqt li kien il-habs u li dan sar fil-prezenza tal-avukati difensuri tieghu. Jghid li huwa ma kellux ghazla ohra ghajr li jaghmel dak li ghamel sabiex jaqta' kompletament minn dawn in-nies u jiehu c-cavetta tal-fond tieghu.

Illi l-imputat ressaq is-segwenti xhieda:

[34] *A fol.* 320.
[35] *A fol.* 320.
[36] *A fol.* 322.
[37] *A fol.* 322.

- **Dr. Joseph Spiteri**[38] xehed li mis-sena 1998 l-imputat kellu storja ta' *depression* u *panic attacks* abbinata ma' konsum ta' alkohol. Xehed illi fl-2001 l-imputat kien ikkontempla jaghmel suwicidju. Qal li theddid fil-konfront tal-imputat jawmenta l-probabilita' li l-imputat jaqbdu *panic attacks*.
- **Dr. Joseph Saliba**[39] kkonferma li l-imputat ghamel lejl wiehed biss Mount Carmel izda attenda xi sitt darbiet l-*psychiatrical outpatients* fl-Isptar San Luqa. Jghid li l-imputat kellu *depressive anxiety.* Qal li l-imputat kellu episodju wiehed fejn kellu *"suicidal thoughts"*.
- **Dr. Ivan Scicluna**[40] kkonferma li kien ezamina lill-imputat erba' darbiet minn Settembru sa Dicembru tas-sena 1997. Qal li l-imputat kien ibghati minn dipressjoni u ansjeta'.
- **Karen Calleja**[41] xehdet li hi u l-imputat kellhom relazzjoni, minn liema relazzjoni twieldet tifla. Tghid li l-imputat kien ibghati minn *depression* u kien il-hin kollu jiccekkja l-*mobile* tieghu u jaghlaq il-bibien. Tghid li kien dejjem anzjuz u kien ikollu biza' kbira. Tghid li l-imputat kien *depressed* u li kien qieghed jirreagixxi f'manjiera paranoika u li kien ghamel xi zmien f'Mount Carmel u li dak iz-zmien l-imputat kien imwerwer u prottettiv izzejjed fuq it-tifla u li ma kien ihalliha ma' hadd.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'*conspiracy* u traffikar ta' droga *ecstasy* u pussess tal-istess droga li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

<u>**Stqarrija**</u>
Illi l-atti tal-kawza jikkontjenu l-istqarrija[42] rilaxxata mill-imputat u kif ukoll ix-xiehda moghtija mill-imputat quddiem il-Qorti[43]. Illi mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat, jirrizulta li l-istess imputat gie nfurmat li ma kienx obbligat li jitkellem

---

[38] *A fol.* 352 *et seq.*
[39] *A fol.* 359 *et seq.*
[40] *A fol.* 367 *et seq.*
[41] *A fol.* 392 *et seq.*
[42] *A fol.* 20 *et seq.*
[43] *A fol.* 308-344.

sakemm ma xtaqtx li jitkellem u li dak li jghid setgha jingieb bhala prova. Ma jirrizultax li l-imputat inghata zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-pulizija. Dana ma setghax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioe' f'Jannar 2003, ma kinitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Illi ghalhekk il-konfessjoni maghmula mill-imputat saret bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dana qed jinghad in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino**.[44] Ghaldaqstant, in vista ta' dak li nghad fuq u in vista tal-fatt li l-imputat ma kkonfermax bil-gurament dak li qal fl-istqarrija rilaxxata minnu meta huwa xehed quddiem il-Qorti, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandha u qed tigi skartata mill-Qorti.[45]

**<u>Testimonjanza ta' Glenn Andew Gorman u Anthony Portelli: prova valida?</u>**

Illi d-difiza targumenta li x-xiehda moghtija minn Glenn Andrew Gorman u Anthony Portelli ma tistax titqies bhala prova valida gialadarba l-Prosekuzzjoni, qabel saret it-trattazzjoni, ivverbalizzat li l-proceduri kontra taghhom gew decizi wara dawk tal-imputat. Illi, ta' min jinnota li, (a) kemm Anthony Portelli[46] u kif ukoll Glenn Gorman[47], qabel xehdu, gew informati li ma kienux obbligati li jwiegbu domandi u dana sabiex ma jinkwriminawx ruhhom, pero xorta ghazlu li jixhdu, (b) l-imputazzjonijiet odjerni migjuba kontra l-imputat huma kontrieh **<u>biss</u>**, (c) Anthony Portelli u Glenn Gorman ma kienux ko-akkuzati mal-imputat, (d) is-sentenza[48] annessa man-nota[49] tal-imputat tirrigwarda ko-akkuzati, li m'huwiex il-kaz odjern. Ghaldaqstant, il-Qorti

---

[44] Sentenzi decizi fil-11.4.11 u 12.4.11 rispettivament.
[45] *Vide* **Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Lulju 2012.
[46] *A fol.* 89.
[47] *A fol.* 105.
[48] *A fol.* 748 *et seq.*
[49] *A fol.* 747.

tiddikjara li t-testimonjanza ta' Glenn Andrew Gorman u ta' Anthony Portelli huma prova valida.

**<u>Coercion</u>**

Illi d-difiza targumenta li dak li ghamel l-imputat ghamlu minhabba l-biza' li kellu minn Portelli u Gorman. Id-difiza ressqet xhieda mill-kamp mediku u kif ukoll lil ex-*partner* tal-imputat stess li xehdu rigward l-atteggjament tal-istess imputat. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-imputat kien, f'xi zmien, ghaddej minn perjodu ta' *depression*. Pero minn qari tax-xiehda moghtija mill-imputat jirrizulta kif l-imputat konvenjentement jaqbez minn haga ghall-ohra u jhalli dettalji barra u jipprova b'xi mod jew iehor jiggustifika dak li jkun qal u li ma jkunx ghamel sens. Il-Qorti tistaqsi: jekk kull ma ried l-imputat huwa li jaghmel kollox biex ikun jista' jiehu c-cavetta tal-*flat* in kwistjoni, allura ghala ma qabadx u biddel is-serratura ladarba huwa kellu *spare key*? Ta' min wiehed ifakkar li filwaqt li l-ewwel l-imputat jghid li ma kellux cavetta, aktar tard jghid li kellu cavetta ohra. L-imputat jixhed: *"Ovvjament kelli cavetta spare key"*[50]. Kieku l-imputat ma kellux cavetta ohra, kieku ma kienx jaqbad u jidhol fil-*flat* u jsib id-droga li jghid li sab! L-imputat ta s-segwenti raguni ghala ma qabadx u biddel is-serratura: *"mela jiena rrajbjajtu lil dan il-persuna ghax qedtlu [ghidtlu] li naf nikxfu mal-ligi, mal-awtoritajiet, number two mort tajtu t-telephone number ta' dak il-persuna Malti li rrabja mieghi, u mbaghad biex inkissirlu mohhu zgur u jirrabja iktar ghalija ma nafx x'kapaci jaghmlu dan it-tip ta' nies imur nibdillu s-settatura, allura pruvajt nehles bil-kwiet minn maghhom jien".*[51] Ta' min wiehed jinnota wkoll li minkejja li l-imputat ma ried jaghmel l-ebda rapport lill-Pulizija xorta ghazel li jikxef u jiddenunzja lil Portelli u lil Gorman, u jghid li dan ghamlu ghax kien taht idejn il-Pulizija u ma kellux alternattiva.[52] Apparti minn dan, l-imputat ikkonferma li huwa biddel il-*packing* billi tefagha l-pilloli go *envelope* tal-karti kannella[53] u mitlub jispjega r-raguni ghala hass il-htiega li jaghmel hekk, wiegeb: *"Ma nahsibx li ha nidhol ir-*

---

[50] *A fol.*338.
[51] *A fol.* 338-339.
[52] *A fol.* 340.
[53] *A fol.* 340.

*Radisson hekk f'idi".*[54] Aktar qabel l-imputat xehed hekk: *"qaluli hemm xi borza, basket tal-plastic fejn Australia Hall li jinsab go Pembroke qalli ppikkjaha minn hemm u nizzilha r-Radisson. Issa jien mort hemmhekk, ippikjajt li kien hemm".*[55] Ghall-mistoqsija jekk kienx jaf x'kienet, jwiegeb: *"Ma kontx naf x'fihom jien ifhem dan il-basket tal-plastic, jien just ippikjajt il-borza sewwa"*[56]. Allura jekk l-imputat ma kienx jaf x'kien fih dan il-basket, x'kienet il-htiega li joqghod ipoggihom go *envelope* kannella?! Meta l-imputat rrealizza li dak li kien qed jghid ma kienx qed jaghmel sens, ghall-mistoqsija tal-Qorti: *"Jigifieri inti kont taf li se tmur tigbor id-droga u ghamiltha biex tiehu lura c-cavetta?"*[57], l-imputat wiegeb: *"ehe, u biex ihalluni fil-paci, ihalluni fil-paci essagg jiena I mean".*[58] Il-Qorti tinnota li din tal-*coercion* hija biss semplici skuza sabiex l-imputat ifarfar minn fuq spalltu r-resposabbilita tieghu. Jirrizulta li l-imputat, b'mod mill-aktar sfaccat, uza l-fatt li kien hemm xi zmien li kellu *depression* sabiex jghatti dak li ghamel taht dan il-paraventu.

## IKKUNSIDRAT ULTERJORMENT

Illi l-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u l-ewwel ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward ir-raba' imputazzjoni, imbaghad rigward it-tlieta l-ohra.

**<u>Ir-Raba' Imputazzjoni/MDA vs. MDMA</u>**:
Illi mentri l-ewwel tlitt imputazzjonijiet jaghmlu riferenza ghad-droga *ecstasy*, ir-raba' imputazzjoni taghmel riferenza specifika ghas-sustanza *"meth[y]lenedioxyamphetamine"*[59], liema sustanza hija maghrufa bhala MDA. Minn qari tar-relazzjoni[60] tal-ispizjar Mario Mifsud u mix-xiehda[61] moghtija minnu jirrizulta li s-sustanza tal-pilloli misjuba m'hijiex MDA

[54] *A fol.* 341.
[55] *A fol.* 320.
[56] *A fol.* 320.
[57] *A fol.* 322.
[58] *A fol.* 322.
[59] *A fol.* 2.
[60] *A fol.* 57.
[61] *A fol.* 48.

imsemmija fl-imputazzjoni numru erba' pero s-sustanza tal-pilloli misjuba hija *"methylenedioxymethamphetamine"*, liema sustanza hija maghrufa bhala MDMA. Id-difiza targumenta li l-Qorti ghandha tghaddi biex tillibera lill-imputat minn l-erba' imputazzjonijiet u dana peress li minkejja li l-ewwel tlitt imputazzjonijiet jirreferu ghal *ecstasy*, *"il buon sens [jiddetta] li huma l-istess"*.[62] Il-Prosekuzzjoni tat ragun[63] lid-difiza meta d-difiza ghamlet riferenza ghar-raba' imputazzjoni. Anke fin-nota[64] pprezentata mill-Ufficjal Prosekutur jghid *"l-akkuzi (a)(b) u (c) gew ippruvati kif titlob il-ligi"*, minghajr ma jghid li r-raba' imputazzjoni giet pruvata.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq u minn qari tad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francesco sive Godwin Scerri**[65], il-Qorti ma tista **qatt** issib htija tal-imputat tar-raba' imputazzjoni minhabba li effettivament is-sustanza tal-pilloli misjuba hija MDMA u <u>mhux</u> MDA kif indikat fir-raba' imputazzjoni. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li r-raba' imputazzjoni kif dedotta ma tirrizultax. Dan l-argument ma japplikax ghall-ewwel tlitt imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *stante* li, kif diga nghad, fl-ewwel tlitt imputazzjonijiet saret riferenza ghall-*"ecstasy"*. Ta' min wiehed jara wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni moghtija minnha fit-2 ta' Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Lewis Marsden**.[66]

---

[62] *A fol.* 689.
[63] *A fol.* 686.
[64] *A fol.* 746A.
[65] Deciza fit-18 t'April 2012 mill-Qorti tal-Appell Krininali.
[66] F'din il-kawza, il-Qorti qalet, fost l-ohrajn, is-segwenti: "although the word "ecstasy" may, in certain quarters, be regarded as a generic term, it is MDMA which was first referred to as "ecstasy". "MDMA" and "ecstasy" are in fact constantly and consistently used interchangeably, the former being a reference to the chemical composition, the latter today being the street name. And, indeed, the constant practice in our Courts of Criminal Justice for the last nineteen years (ever since the Third Schedule to Cap. 31 was substituted by Legal Notice 48 of 1990) has been that anyone charged with possession of, trafficking in, or with conspiring for the purpose of dealing in "ecstasy" was invariably understood as being charged with possession of, trafficking in, or with conspiring for the purpose of dealing in MDMA or one of the closer "relatives" of MDMA, that is DMA, MDA or MMDA. Anyone legally assisted – as appellant was – would have known perfectly well with what he was being charged. [...] To conclude on this point, although it is recommendable that, where possible, when a person is charged with an offence in relation to ecstasy pills, a reference to the chemical composition of the pills in question be made, the fact of not doing so would not render the charge invalid or otherwise vague or such that

**<u>L-Ewwel u t-Tieni imputazzjoni</u>**:
Illi, fir-rigward ta' dak li jammonta ghal *consipiracy*, fid-decizjoni moghtija fis-6 ta' Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

"This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.

Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more

---

the accused would not know with what he is being charged; and it would remain to be seen from the evidence tendered whether the pills to which the charge refers have a chemical composition that is proscribed by law (where the charge is one of possession of, or trafficking in, ecstasy pills).

persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement".

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb**, il-Qorti qalet hekk:

"Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem gew ritenuti li huma erba' u senjatament: 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed".

Illi, in segwitu ta' dak li nghad fuq u in segwitu tal-fatt li, kif diga nghad aktar qabel, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ser tigi skartata, il-Qorti m'hijiex sodisfatta mill-provi prodotti, cioé mix-xiehda moghtija mill-imputat u minn Gorman u Portelli, li effettivament kien hemm assocjazzjoni. Mill-provi imsemmija ma jirrizultax li l-imputat kien dahal f'xi ftehim ma' xi terza persuna. Ma jirrizultawx l-elementi rikjesti sabiex jigi pruvat l-assocjazzjoni. Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma gietx pruvata.

Illi Anthony Portelli u Glenn Gorman kkonfermaw li l-14-il pillola *ecstasy* u l-35 gramma cannabis li nstabu fil-kamra ta' Portelli wara tfittxija li saret, gew mixtrija mill-imputat madwar erba' t'ijiem qabel saret it-tfittxija[67]. Portelli jghid li b'kollox il-prezz kien ta' Lm 165, u li kienu taw lill-imputat

[67] *A fol.* 93, 107, 108.

Lm 100 u li dakinhar li gew arrestati kellhom jaghtuh xi haga tal-flus[68] u Gorman qal li ma kienx jiftakar ezatt kemm kien hallas hu personalment pero jghid li bejniethom kienu hallsu lill-imputat is-somma ta' Lm 100 u li kien ghad fadlilhom jaghtuh Lm 60.[69] Gorman jixhed ukoll li kien talab lill-imputat jakkwistalu d-droga ghaliex kien xtara droga minn ghandu qabel, xi zewg jew tlett okkazjonijiet ohra.[70] Il-Prosekuzzjoni tishaq li l-*envelopes*[71] li gew elevati mir-residenza tal-imputat *"huma simili"*[72] ghall-*envelope* li kien jikkontjeni l-pilloli *ecstasy* misjuba fuq l-imputat. Il-Prosekuzzjoni tghid ukoll li mir-residenza tal-imputat gew elevati wkoll, fost l-ohrajn, karti b'xi notamenti ohra ta' flus u ammonti ohra[73]

Illi, minn dak li nghad hawn fuq, il-Qorti m'hijiex sodisfatta b'serhan tal-mohh li effettivament l-imputat kien ikkonsenja l-pilloli *ecstasy* lil xi hadd mhux awtorizzat. Il-Qorti mhijiex konvinta li effettivament t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet sodifacentement pruvata semplicement ghax Anthony Portelli u Glenn Gorman xehdu li huma kienu xtraw li l-14-il pillola *ecstasy* u l-35 gramma cannabis li nstabu fil-kamra ta' Portelli minn ghand l-imputat. A rigward il-mument li gew elevati l-595 pillola *ecstasy*, il-Qorti tinnota li mhux talli ma kienetx ghadha saret l-ebda *"konsenja"*[74], talli ma jirrizultax min kien dan ix-xi hadd li lilu kienet ser issir il-konsenja, u b'hekk ma jistax jinghad jekk dan kienx *"persuna li ma kienx spizjar diligenti"*[75] jew *"xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina"* [76]. Ghaldaqstant m'ghandhiex tinsab htija tat-imputat ghat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**<u>It-Tielet imputazzjoni</u>**:

[68] *A fol.* 94.
[69] *A fol.* 109.
[70] *A fol.* 110, 112.
[71] Dok. "NH 1" – *a fol.* 16.
[72] *A fol.* 16.
[73] Dok. "NH 2" – *a fol.* 16.
[74] Kelma mehuda mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.
[75] Kliem mehud mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.
[76] *Ibid.*

Illi l-imputat jinsab akkuzat taht it-tielet imputazzjoni b'pussess aggravat. Dakinhar tat-28 ta' Jannar 2003 fuq l-imputat instabu 595 pillola *ecstasy*. M'hemmx dubju fuq dan.[77] Il-Qorti tal-Appell Kriminali, f'decizjoni moghtija minnha fit-2 ta' Settembru 1999, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia** qalet hekk:

"Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Fid-decizjoni moghtija fit-12 ta' Frar 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Borg** sahqet is-segwenti:

"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Marius Magri** [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx

[77] *A fol.* 340.

ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999])."

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brian Caruana**, deciza fit-23 ta' Mejju 2002, il-Qorti qalet hekk:

"Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

Fl-ahhar nett, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 t'Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata: "l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-

ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101"".

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li nghad aktar qabel rigward il-*coercion*, liema argument ma giex accettat, u wara li rrizulta li fuq l-imputat nstabu l-ammont ta' 595 pillola *ecstasy*, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn il-pilloli zgur ma kienux ghall-uzu esklussiv tal-imputat liema reat igib piena ta' prigunerija tassattiva. Ghaldaqstant, jirrizulta li t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet sodisfacentment pruvata.

**KONSIDERAZZJONIJIET RIGWARD IL-PIENA**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma gewx pruvati. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, cioé dik ta' pussess aggravat, din tirrizulta li giet sodisfacentmenet pruvata. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Lulju 2010, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Il-ligi hi dik li hi. Min jinsab hati ta' "pussess aggravat" irid ibati piena effettiva ta' prigunerija".

Illi l-imputat ghamel kemm setgha biex jikkonvinci lill-Qorti li huwa kien vittma ta'cirkostanzi u li gie intrappolat biex ikun "runner" jew "mule" ghal traffikanti kbar b'radici internazzjonali. Il-provi juru l-kuntrarju ghaliex filwaqt li Gorman u Portelli kellhom 14-il pillola *ecstasy* u 35 gramma cannabis, l-imputat kellu 595 pillola *ecstasy* fuq il-persuna tieghu. Huwa evidenti li dak li ghamel l-imputat, cioé li ddenunzja persuni b'mod inveritier lill-Awtorijatiet Kompetenti, ghamlu sabiex jiggwadanja tnaqqis fil-piena minhabba li haseb li setgha jigi meqjus li kkoopera mal-Pulizija *ai termini* tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Minghajr tlaqliq, l-imputat ma jimmeritax tali gwadann. Ghaldaqstant, l-imputat m'ghandux jibbenefika

ghal riduzzjoni fil-piena ai termini ta' l-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mis-*social enquiry report* redatt mill-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech[78], jirrizultaw, fost l-ohrajn, li l-imputat:

- "kellu trobbija relattivament normali ghalkemm kien hemm xi nuqqasijiet emozzjonali";[79]
- "jidher li jbghati minn dipressjonijiet u gieli anke fits";[80]
- "xorta ghadu jiehu medikazzjoni minhabba d-depression";[81]
- "ssottometta ruhu minghajr pre-avviz ghal test tal-urina gewwa l-Ufficju tal-Probation u l-Parole [... liema] test irrizulta fin-negattiva ghal sustanzi lleciti tal-kannabis, tal-kokaina u tal-morfina";[82]
- "huwa self-employed u jmexxi kumpanija fis-shipping u trasport";[83]

Illi ma jirrizultax li l-imputat ghandu bzonn ta' riabilitazzjoni minn xi problema ta' droga. Riferenza sejra ssir ghal dak li kellha xi tghid il-Qorti tal-Appell Kriminali f'zewg kawzi differenti fejn kellha ssir riforma tal-imputat, pero minkejja dan (li mhux applikabbli ghal kaz odjern), dak li nghad f'dawn iz-zewg decizjonijiet jista' jigi applikat ghall-kaz odjern. Fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti qalet hekk:

"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma' pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kuljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkrea allarm socjali li

[78] *A fol.* 701 *et seq.*
[79] *A fol.* 708.
[80] *A fol.* 708.
[81] *A fol.* 708.
[82] *A fol.* 708.
[83] *A fol.* 708.

jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija vs. Mark Mifsud**, deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti osservat hekk:

"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni".

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dan t'hawn fuq, kif ukoll diversi fatturi ohra, fosthom il-fatt li l-imputat m'ghandux bzonn jirriforma ruhu minn xi problema ta'droga, il-fatti specie tal-kaz, l-ammont konsiderevoli ta' pilloli *ecstasy* misjuba fil-pussess tal-imputat, il-prezz taghhom[84] u l-fatt li l-imputat mhux ser jibbenifika mit-tnaqqis ta' piena ghar-ragunijiet indikati aktar qabel.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, in segwitu tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2) u mir-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li rat Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, kif ukoll Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tlitt (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' erbat'elef Euro (€ 4000).

[84] Li huwa ta' cirka Lm 5013 – *Vide* xhieda ta'' Spizjar Mario Mifsud (*a fol.* 294) u Dok "MM" (*a fol.* 296).

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-proprjeta', mobbli jew immobbli, ta l-imputat li taghhom kien proprjetarju qabel it-28 ta' Jannar 2003 u dana skond it-talba tal-Prosekuzjoni datata 14 ta' Frar 2003.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, il-Qorti mhijiex ser tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż maħtura matul l-inkjesta għax din saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

Finalment, il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------